Nru./No. 19,825
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju, 2017
Friday, 7th July, 2017

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 8343
Government Notices *8343*

Avviżi lill-Baħħara 8344
Notices to Mariners *8344*

Avviżi tal-Qorti ..... 8344 - 8346
Court Notices ..... *8344 - 8346*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 741

IL-PRESIDENT TA' MALTA TERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETHA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġgħet daħlet għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tagħha ta' President nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Lulju, 2017.

Is-Sa Dolores Cristina ma baqgħetx taqdi l-funzjonijiet ta' President.

Is-7 ta' Lulju, 2017

Nru. 742

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET (KAP. 563)

Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 10 (1) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, il-Prim Ministru ħatar u/jew approva lill-Onor. is-Sur Alex Muscat u lill-Onor. is-Sur Ryan Callus biex iservu bħala Membri fuq il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet b'seħħ mis-26 ta' Ġunju, 2017 u mis-6 ta' Lulju, 2017 rispettivament, sas-6 ta' Frar, 2021.

Il-ħatra tal-Onor. Dr Clifton Grima bħala membru tal-Bord tal-Gvernaturi ġiet itterminata fid-9 ta' Ġunju, 2017 mal-ħatra tiegħu bħala Segretarju Parlamentari.

Is-7 ta' Lulju, 2017

Nru. 743

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Bord tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Ippjanar

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 63 (2)(d) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà approva l-ħatra tal-persuni li ġejjin biex iservu fuq il-Bord tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Ippjanar għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-4 ta' Lulju, 2017.

Minflok il-membru Dr Joseph M. Sammut, għandu jiġi maħtur l-Onor. is-Sur Clayton Bartolo għan-nom tal-Gvern.

Ikun magħruf ukoll li l-Onor. is-Sur Ryan Callus qed jerġa jiġi kkonfermat mill-Oppożizzjoni biex iservi bħala membru ta' dan il-Bord.

Is-7 ta' Lulju, 2017

GOVERNMENT NOTICES

No. 741

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Friday, 7th July, 2017.

Mrs Dolores Cristina has ceased to perform the functions of President.

7th July, 2017

No. 742

LANDS AUTHORITY ACT (CAP 563)

Board of Governors of the Lands Authority

IN terms of Article 10 (1) of the Lands Authority Act, the Prime Minister has appointed and/or approved the appointment of the Hon. Mr Alex Muscat and the Hon. Mr Ryan Callus to serve as Members on the Board of Governors of the Lands Authority for a period with effect from 26th June, 2017 and 6th July 2017 respectively, up to 6th February, 2021.

The appointment of the Hon. Dr Clifton Grima as Member of the Board of Governors was terminated with effect from 9th June, 2017 on his appointment as Parliamentary Secretary.

7th July, 2017

No. 743

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 552)

Planning Board of the Planning Authority

IN terms of Article 63 (2)(d) of the Development Planning Act, the Parliamentary Secretary for Planning and the Property Market has approved the appointment of the following persons to serve on the Planning Board of the Planning Authority for a period of three years with effect from 4th July, 2017.

Instead of the member Dr Joseph M. Sammut, there shall be appointed the Hon. Mr Clayton Bartolo on behalf of the Government.

It is also being notified that the Hon. Mr Ryan Callus is being re-confirmed by the Opposition to serve as member on the board.

7th July, 2017

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 61 tal-2017

Xogħlijiet ta' Tħaffir għal Investigazzjonijiet Ġeotekniċi fil-Port tal-Imġarr, Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsiru xogħlijiet ta' tħaffir għal investigazzjonijiet ġeotekniċi fil-Port tal-Imġarr, Għawdex.

Dawn ix-xogħlijiet se jsiru fiż-żona kif muri fiċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Jekk it-temp jippermetti x-xogħlijiet mistennija jibdew nhar it-Tlieta, il-11 u l-Erbgħa, it-12 ta' Lulju, 2017.

Ix-xogħlijiet se jsiru minn fuq barkun li se jkun akkumpanjat minn *tug boat* żgħira (Nru. 29). Il-barkun se jniżżel l-ankri biex iżomm il-pożizzjoni u se jibqa' fiż-żona anki matul il-lejl. Il-barkun se jkun qed juri s-sinjali skont ir-Regolamenti dwar it-Tħaris mill-Kolliżjonijiet. Bastimenti jistgħu jintalbu li jħallu l-irmiġġ, jiċċaqalqu temporanjament u għandhom jobdu struzzjonijiet maħruġa minn uffiċjali ta' TM. Barra minn hekk il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom joqogħdu attenti, jbaħħru bilmod u jżommu 'l bogħod miż-żona.

L-ordnijiet mogħtija mill-VTS u l-Port tal-Imġarr fuq *VHF Channel* 12 u 13 għandhom jiġu mħarsa.

Chart affettwata: BA 211D.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Is-7 ta' Lulju, 2017

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 61 of 2017

Drilling Works for Geotechnical Investigations in Mġarr Harbour, Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that drilling works for geotechnical investigations will be carried out in Mġarr Harbour Gozo.

These works will be carried in the area hatched as shown on chart found on Transport Malta website (http://www.transport.gov.mt).

Weather permitting the work is expected to commence on Tuesday, 11th and Wednesday, 12th July, 2017.

Works will be carried out from a flat barge (Bezzina 5) which will be accompanied by a small tug boat (No. 29). The barge may deploy anchors to hold it in position and may remain in the area during the night. The Barge will display the signals in accordance with the Collisions Regulations. Moored vessels may be required to vacate berths, be temporarily shifted and are to comply instructions as issued by TM officials. Furthermore mariners and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed at very slow speed and give the area a wide berth.

Instructions given by VTS and Mġarr Port on VHF Channel 12 and 13 are to be complied with.

Chart affected: BA 211D.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

7th July, 2017

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1063

DKR 352/2007 – Varjazzjoni tal-Iffriżar tal-Assi

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-11 ta' April, 2017, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Antonio Mizzi, LLD) wara rikors ippreżentat minn Joseph Grech fid-9 ta' Marzu, 2017, Kumpilazzjoni Numru 1284/2007 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Is-Supt Norbert Ciappara)
(Is-Supt Dennis Theuma)

DKR 352/2007 – Variation of a Freezing Order

It is being notified that by a decree dated 11th April, 2017, given by the Criminal Court (Mr Justice Dr Antonio Mizzi, LLD) after an application filed by Joseph Grech on the 9th March, 2017, Compilation number 1284/2007 in the case:

The Police
(Supt Norbert Ciappara)
(Supt Dennis Theuma)

Kontra:
Stella Grech;

Dean Martin;

Joseph Grech, 49 sena, bin il-mejjet Carmelo and Maria Stella née Muscat, imwieled il-Marsa, Malta, fit-2 ta' Ottubru, 1967, residenti fil-fond numru 13, Triq ix-Xemxija, Il-Marsa, Malta, u detentur tal-karta tal-identità numru 423567M.

Il-Qorti Awtorizzat lill-akkużat Joseph Grech sabiex jiżbanka s-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) mill-Bank Ċentrali ta' Malta, liema somma hija intitolata lilu għall-għajxien tiegħu għas-sena 2017.

Din il-pubblikazzjoni qed issir *ai termini* tal-Artikolu 5(2) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fis-6 ta' Mejju, 2016, wara digriet mogħti fis-7 ta' April, 2016, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fit-22 ta' Marzu, 2016, wara digriet mogħti fid-9 ta' Marzu, 2016, mill-Qorti tal-Maġistrati, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fis-27 ta' April, 2015, wara digriet mogħti fl-14 ta' April, 2015, mill-Qorti Kriminali, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fid-9 ta' Diċembru, 2014, wara digriet mogħti fit-12 ta' Novembru, 2014, mogħti mill-istess Qorti u in segwitu ta' ordni ta' ffriżar li kienet ippubblikata fis-16 ta' Ottubru, 2007, fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmija jew li huma proprjetà ta' Joseph Grech, Stella Grech u Dean Martin.

Illum, is-6 ta' Lulju, 2017
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip. Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LLB, LLD
Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

Versus:
Stella Grech;

Dean Martin;

Joseph Grech, 49 years, son of the late Carmelo and Maria Stella née Muscat, born in Marsa, Malta, on the 2nd October, 1967, residing at 13, Triq ix-Xemxija, Marsa, Malta, and holder of identity card number 423567M.

The Court Authorised the accused Joseph Grech to withdraw the sum of thirteen thousand nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) from the Central Bank of Malta, which sum is entitled to him for his living for the year 2017.

This publication is being published in terms of Article 5(2) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, following another publication published on the 6th May, 2016, after a decree date 7th April, 2016, following another publication published on the 22nd March, 2016, after a decree dated 9th March, 2016, given by the Court of Magistrates, following another publication published on the 27th April, 2015, after a decree dated 14th April, 2015, given by the Criminal Court, following another publication published on 9th December, 2014, after a decree dated 12th November, 2014, given by the same Court following the freezing order which was published on 16th October, 2007, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other movable and immovable property which may be due to or belonging to Joseph Grech, Stella Grech and Dean Martin.

Today, 6th July, 2017
Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip. Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LLB, LLD
Assistant Registrar, Criminal Courts and Tribunals

1064

DKR 352/2007 – Varjazzjoni tal-Iffriżar tal-Assi

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Ġunju, 2017, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Neville Camilleri LLD) wara rikors ippreżentat

DKR 352/2007 – Variation of a Freezing Order

It is being notified that by a decree dated 13th June, 2017, given by the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Neville Camilleri LL.D), after an

minn Louis Azzopardi fil-15 ta' Marzu 2017, Kumpilazzjoni Numru 1284/2007 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Is-Supt Norbert Ciappara)
(Is-Supt Dennis Theuma)

Kontra:

Stella Grech, ta' 74 sena, bint Joseph u Michelina xebba Cassar, imwielda Marsa Malta fil-11 ta' Diċembru 1942, residenti fil-fond 'Stella', numru 13, Triq ix-Xemxija, Marsa Malta u detentriċi tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 674842(M);

Dean Martin;

Joseph Grech

Il-Qorti Awtorizzat lil Louis Azzopardi, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 536849M, li jieħu fil-pussess tal-ġojjellerija tiegħu u s-somma ta' sitt elef, mitejn u ħamsa u tmenin lira Maltija (LM 6285) hekk kif deskritti fir-rikors, li bħalissa huma miżmumin fil-Bank Ċentrali ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir *ai termini* tal-Artikolu 5(2) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppublikata fis-6 ta' Mejju, 2016, wara digriet mogħti fis-7 ta' April, 2016, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fit-22 ta' Marzu, 2016, wara digriet mogħti fid-9 ta' Marzu, 2016, mill-Qorti tal-Maġistrati, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fis-27 ta' April, 2015, wara digriet mogħti fl-14 ta' April, 2015, mill-Qorti Kriminali, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fid-9 ta' Diċembru, 2014, wara digriet mogħti fit-12 ta' Novembru, 2014, mogħti mill-istess Qorti u in segwitu tal-ordni ta' ffriżar li kienet ippubblikata fis-16 ta' Ottubru, 2007, fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmija jew li huma proprjetà ta' Joseph Grech, Stella Grech u Dean Martin.

Illum, is-6 ta' Lulju, 2017

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip. Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LLB, LLD
Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

application filed by Louis Azzopardi on the 15th March 2017, Compilation number 1284/2007 in the case:

The Police
(Supt Norbert Ciappara)
(Supt Dennis Theuma)

Versus:

Stella Grech, 74 years, daughter of Joseph and Michelina née Cassar, born in Marsa Malta on the 11th December 1942, residing at 'Stella', No. 13, Xemxija Street, Marsa Malta and holder of Maltese Identity Card No. 674842(M);

Dean Martin;

Joseph Grech

The Court Authorised Louis Azzopardi, holder of identity card No. 536849M, to take in his possession all his jewellery and the sum of six thousand, two hundred and eighty-five Maltese lira (LM 6285) as described in the above application currently held at the Central Bank of Malta.

This publication is being published in terms of Article 5(2) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, following another publication published on the 6th May, 2016, after a decree date 7th April, 2016, following another publication published on the 22nd March, 2016, after a decree dated 9th March, 2016, given by the Court of Magistrates, following another publication published on the 27th April, 2015, after a decree dated 14th April, 2015, given by the Criminal Court, following another publication published on 9th December, 2014, after a decree dated 12th November, 2014, given by the same Court following the freezing order which was published on 16th October, 2007, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other movable and immovable property which may be due to or belonging to Joseph Grech, Stella Grech and Dean Martin.

Today, 6th July, 2017

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip. Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LLB, LLD
Assistant Registrar, Criminal Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata— *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*